**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA**

**minn JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (43)

Hekk kif il-gvern ħabbar li se jintroduċi mill-ġdid ir-Regatta tat-8 ta' Settembru 1951 fil-Port il-Kbir, id-distrett tal-Isla beda jipprepara bil-kbir għaliha.

Bla dubju ta' xejn, fost il-ħabrieka Sengleana li ħadmu u stinkaw kemm felħu biex l-Isla tkun preparata tajjeb għal dan l-avveniment annwali fil-Port il-Kbir kien Salvu Mizzi - magħruf aħjar fost il-barklori tal-Ponta bħala l-Pajsu.

Lil Salvu niftakru tajjeb, dejjem jiġri ma' ċertu Ġużeppi (in-Niger) il-Ponta, fejn tara wieħed, fil-viċinanza se jsib lill-ieħor.

Jingħad li fiż-żmien il-provi fil-kanal Salvu bil-kemm kien jitla' d-dar biex jiekol, isegwi l-andament tal-provi u dejjem għal-lest għal li jkollhom bżonn il-qaddiefa. Kien bniedem ta' ftit kliem, iżda meta darba tlabtu jagħtini xi informazzjoni dwar sehem l-Isla fir-Regatta Nazzjonali ma baqax lura u fi ftit kliem ir-rispondini għal kull mistoqsija li għamiltlu.

Kien hemm waqtiet fejn skantajt ħafna, għax minkejja l-età li kellu, il-memorja tiegħu baqgħet ċara ħafna – forsi minħabba l-fatt li r-Regatta kienet għal qalbu ħafna u għex fi żmien meta belt twelidu (Isla) kienet tiddomina dawn it-tiġrijiet tradizzjonali. Min-noti li ħadt aħna u nitħaddtu, se nislet xi wħud minnhom u ngħaddihom lilkom:



Ir-Regatta Nazzjonali fis-snin 50

*Salv, jien dejjem nismagħhom jgħidu li l-Isla kienet armata tajjeb fil-korsa tal-Ferilli, iżda Marsamxett kienu aħjar minnkom ... veru li Marsamxett kienu jiddominaw din korsa?*

"Naċċertak li aħna konna tajbin fil-Ferilli daqs Marsamxett, iżda f'din il-korsa, kemm minħabba l-pika ta' bejnietna, kif ukoll l-irjus iebsa ta' min kien imexxi u jarma l-Ferilli tagħna, aħna ma stajna qatt niksbu dak is-suċċess li meritatament kien ħaqqna ... eżempju tipiku hu l-fatt li se ngħidlek - kull meta żewġ dgħajjes jew Ferilli avversarji (tagħna u Marsamxett) kienu jinzertaw ma' ġenb xulxin, min minnhom jirnexxielu joħroġ l-ewwel kien jibqa' fuq quddiem – qisu t-tul tat-tiġrija kien sa nofs il-korsa, għaliex dik il-Ferilla li kienet taqa' lill-avversarja tagħha b'żewġ tulijiet, kienet tieqaf u tħalli l-oħra dieħla l-ewwel qisha ġerriet waħidha.

"Iżda l-kuntrarju kien jiġri kull meta ż-żewġ Ferilli rivali kienu joħorġu flimkien u jibqgħu telgħin flimkien sa tmiem il-korsa ... il-pika bejnietna kienet kbira ħafna - kull tiġrija tal-Ferilli dejjem spiċċat bil-ġlied u kultant bi ġlied kbir. Imbagħad xi tgħidli meta kien jasal ħin il-preżentazzjoni tal-paljijiet - dak ġlied u tgħajjir!

"Il-ġlied li kien jinqala' ma kienx tort tad-diriġenti tad-dwana li kienu jorganizzaw ir-Regatta iżda minħabba bosta fatturi oħra ..."

*X'kienu dawn il-fatturi?*

"L-ewwelnett il-Kanal kien dejjaq ħafna, l-aktar fid-dħul tiegħu. Fid-dħul mal-planki, kienu jorbtu ħafna dgħajjes u Ferilli mimlijin bil-partitarji għal ġlied - hekk kif kienu jaraw dgħajsa jew Ferilla avversarja fuq quddiem kien jibda t-tfigħ ta' fliexken, u ġieli kienu jwaddbu l-imqadef fil-baħar, barra hekk, fuq il-baħar kien hemm nuqqas ta' sigurtà waqt dawn it-tiġrijiet – lanċa waħda tad-dwana.

"Ħaġa oħra, fit-tluq mhux l-ewwel darba li Ferilla jew dgħajsa kienu joħorġu qabel l-inżul tal-bandiera, u l-uffiċjali kienu jagħlqu għajnejhom – qishom kien ikollhom erba' mitt sena sakemm tispiċċa r-Regatta.

"Ħafna mill-ġlied kien ikun intenzjonat u ħafna drabi kien jinqala' jew fil-ħruġ jew matul l-andament tat-tiġrija, fejn l-ekwipaġġ ta' Ferilla jew dgħajsa avversarja jostakola jew jaqdef għal fuq l-aħjar Ferilla jew dgħajsa bil-ħsieb li jagħti ċ-ċans lil tagħhom taqbeż fuq quddiem.

"Dawn l-affarijiet illum m'għandhomx isiru, għax it-Tiġrija tal-Vitorja hi organizzata tajjeb u l-preżenza tal-pulizija fuq il-laneċ tad-dwana tbeżża' lil min ikollu ħsieb li jaqla' l-inkwiet."

*Xi tgħidli għat-tiġrijiet tal-Kajjikki ... kienu tiġrijiet akkaniti?*

"Fl-aħħar ta' kull Regatta kienu jsiru żewġ tiġrijiet tal-Kajjikki - tiġrijiet li fihom kienu jieħdu sehem numru kbir ta' Kajjikki, iżda dik tal-Kajjikki Fancy – opri ħfief daqs id-dgħajjes tal-Midalji kienet akkanita ħafna, l-aktar fost id-distretti tal-Kottonera għax it-tlieta kienu armati ħafna għaliha.

"Ħasra li dawn il-Kajjikki spiċċaw mir-Regatta Nazzjonali! L-Isla għamlet żmien tiddomina din it-tiġrija bil-Kajjikki Portu Salvu u San Filippu. Iżda nismagħhom jgħidu li fid-daħla tas-seklu (seklu 20) l-Isla kellha Kajjikki oħra, fosthom San Tumas u San Martin.

"Lix-xjuħ tagħna nismagħhom jgħidu li l-Kajjikk San Tumas kien proprjetà tas- sur Tumas Micallef li kien semmieh Tumas għalih, waqt li l-Kajjikk San Martin kien ta' ċertu Wiġi De Martino li l-familjari tiegħu kienu bennejja tal-opri tal-baħar."

*Kif tipparaguna t-tiġrijiet ta' qabel il-gwerra ma' dawk ta' warajha?*

"Kienu żminijiet u ċirkostanzi differenti! It-tiġrija minn dejjem kienet ħafna għal qalb in-nies tal-Port il-Kbir, u t-tiġrijiet kollha kienu akkaniti u isbaħ ħafna minn dawk li naraw illum, minkejja li llum l-organizzazzjoni tat-tiġrija hija ħafna aħjar; kull distrett huwa organizzat ħafna mhux bħal qabel il-Gwerra u għandu l-opri biex iġerrri, il-premjijiet tal-flus huma ħafna aħjar, is-sigurtá waqt it-tiġrijiet hi aħjar u l-inkwiet kważi xejn.

"Fil-fehma tiegħi, it-tiġrijiet tas-snin 50 kienu sbieħ u akkaniti daqs ta' qabel il-gwerra, iżda fihom ma kienx hemm il-Kajjikki Twal."

*Salv ...l-Isla wara l-Gwerra kienet forza għax kienet l-aħjar distrett jew għax id-distretti l-oħra ma kinux armati daqsha?*

"Min qallek li d-distretti l-oħra ma kinux armati daqsna? Il-Marsa u l-Birgu kienu armati tajjeb f'kull korsa u ħafna mit-tiġrijiet kienu missielta sa tmiem it-tiġrija.

"Ma kellhomx opri daqsna veru, għax aħna rnexxielna nsalvaw ħafna mill-opri li kellna. Barra minn hekk aħna kellna qaddiefa li qadfu qabel il-gwerra u reġgħu niżlu fid-dgħajjes tagħna warajha bħal Toni Farrugia (iż-Żbiba), Salvu Formosa (Pasalv), George Caruana (Bubbli John), Ganni Ghiller (It-Torta), Leli Micallef (Nanna Klara) u oħrajn. Wara l-gwerra aħna armajna distrett b'saħħtu f'kull korsa, kemm l-opri l-kbar kif ukoll iż-żgħar, u kieku fl-aħħar tal-ħamsinijiet ma kellniex il-bojkott, kieku l-Isla kienet tiddomina s-snin 60 ukoll."

*Imma int semmejt biss lill-Isla, Birgu u l-Marsa ... għaliex Marsamxett u Bormla ma ħadux sehem wara l-gwerra?*

"Bormla u Marsamxett fil-Gwerra tilfu ħafna mill-opri tat-tiġrija li kellhom ... Marsamxett kienet ħadet sehem fis-snin 50, iżda Bormla le, għax ma kellhomx xatt

"Fil-fatt Bormla xtaqu jieħdu sehem u anke kienu bnew dgħajsa biex jipparteċipaw biha fir-Regatta, iżda ma kellhomx xatt fejn iniżżlu l-opri tagħhom ... meta daħlu Bormla, kellna l-Bojkott u r-Regatta ħadet daqqa lura ... imbagħad fis-snin 60 spiċċa l-bojkott u r-Regatta bdiet tieħu r-ruħ ... aħna konna tajbin , kull distrett jgħaddi minn perjodu sabiħ u l-ikraħ fl-istorja tiegħu – aħna bħad-distretti l-oħra esperjenzajnihom it-tnejn ... aħna kellna ħafna qaddiefa tajba, fost l-aħjar fil-kanal - kollha kienu barklori, kollha mill-pajjiż u r-rebħ tal-palju kien l-akbar unur għalihom ... ħadd minnhom ma kien jitlob jew jingħata flus biex jaqdef ... kien jaqsmu bejniethom il-premju tal-palju, u xi kultant ma kienu jieħdu xejn minnu għax kienu jagħtuh lill-ħabrieka biex iħallsu l-kera tal-maħżen fejn kienu jinżammu l-opri tat-tiġrija minn sena għal oħra.

"Kif għedtlek, il-qaddiefa ta' żmieni kienu jħobbu r-Regatta u r-rebħ tal-palju fiha kienu iqisuh bħala unur għalihom u għal pajjiżhom... din hi d-differenza bejn it-tiġrijiet ta' qabel il-gwerra u tas-snin 50 u dawk tal-lum."